



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9736/24

COHAFA 32
COJUR 49
COHOM 106

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 7 ta' Mejju 2024

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9010/24 + COR 1

Suġġett: Il-protezzjoni f'kuntesti umanitarji
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (7 ta' Mejju 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-protezzjoni f'kuntesti umanitarji, kif approvati mill-Kunsill fl-4021 laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Mejju 2024.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-PROTEZZJONI F'KUNTESTI
UMANITARJI

1. Il-Kunsill ifakkar li l-għan tal-għajnuna umanitarja tal-UE, kif stabbilit fil-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja, huwa li "li tipprovdi rispons ta' emerġenza bbażat fuq il-ħtiġijiet immirat lejn il-preservazzjoni tal-ħajja, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tas-sofferenza umana u ż-żamma tad-dinjità umana fejn ikun meħtieġ jekk il-gvernijiet u l-atturi lokali jinsabu f'diffikultà, ma jkunux jistgħu jew ma jkunux iridu jaġixxu".
2. Il-Kunsill jibqa' mħasseb dwar in-nuqqas ta' protezzjoni tal-persuni affettwati u r-restrizzjonijiet li jiffaċċaw l-atturi tal-protezzjoni, inkluż iżda mhux limitat għal ksur tad-Dritt Umanitarju Internazzjonali u n-nuqqas ta' aċċess. Il-Kunsill jinnota bi tħassib kbir li l-finanzjament għall-protezzjoni ma jaqbilx mal-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-popolazzjonijiet affettwati minn kriżijiet umanitarji.

A. FEHIM KOMUNI

3. Il-Kunsill jenfasizza li huma r-rwol u r-responsabbiltà primarji tal-Istati li jipproteġu u jiżguraw is-sikurezza u s-sigurtà tal-individwi. F'konflitti armati r-responsabbiltà għall-protezzjoni taċ-ċivili hija estiża għall-partijiet kollha fil-konflitt. Barra minn hekk, l-Istati kollha għandhom obbligu li jirrispettaw u jiżguraw ir-rispett għad-Dritt Umanitarju Internazzjonali fiċ-ċirkostanzi kollha. L-Istati għandhom responsabbiltajiet legali biex jiddefendu l-korpi rilevanti tad-dritt internazzjonali li jipproteġu lill-persuni affettwati, bħad-Dritt Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Dritt Internazzjonali dwar ir-Refuġjati.
4. Barra minn hekk, il-Kunsill jirrikonoxxi l-inizjattivi tal-UE meħuda biex jipproteġu lin-nies f'kuntesti umanitarji, inkluż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Għajnuna Umanitarja u d-Dritt Umanitarju Internazzjonali (2019), dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (2022), dwar l-operazzjonalizzazzjoni tar-Rabta bejn l-Aspett Umanitarju u l-Iżvilupp (2017) kif ukoll il-linji gwida tal-UE dwar it-tfal u l-konflitti armati u dwar il-promozzjoni ta' konformità mal-liġi umanitarja internazzjonali.

5. Il-Kunsill ifakkar u jenfasizza l-importanza u l-valur tad-dikjarazzjoni tal-2013 tal-Prinċipali tal-Kumitat Permanenti Interaġenziji (IASC) tan-NU dwar iċ-Ċentralità tal-Protezzjoni fl-Operazzjonijiet Umanitarji¹. Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-Politika tal-IASC tal-2016 dwar il-Protezzjoni fl-Azzjoni Umanitarja u r-Rieżami Indipendenti tal-2022 tal-Politika dwar il-Protezzjoni tal-IASC. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-mandati ta' protezzjoni u r-rwol ta' tmexxija ta' aġenziji speċifiċi tan-NU u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u r-responsabbiltajiet li jirriżultaw li għandhom u huma responsabbli għalihom, kif ukoll l-eżistenza ta' firxa wiesgħa ta' atturi fil-qasam tal-protezzjoni – l-aktar importanti, il-persuni affettwati nfushom – u l-importanza li jkun hemm koordinazzjoni bejn dawn l-atturi.
6. Il-Kunsill jinnota d-definizzjoni ta' protezzjoni tal-IASC² u jenfasizza l-ħtieġa għal aktar ċarezza kunċettwali kif rakkomandat fir-Rieżami tal-2022 tal-Politika dwar il-Protezzjoni tal-IASC. Il-Kunsill jinnota wkoll id-definizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea³, li fiha rabta aktar ċara ma' kriżijiet umanitarji: il-protezzjoni għandha l-għan li tindirizza l-vjolenza, il-koerċizzjoni, iċ-ċaħda intenzjonata u l-abbuż ta' persuni, gruppi u komunitajiet fil-kuntest ta' kriżijiet umanitarji, f'konformità mal-prinċipji umanitarji tal-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza u fil-qafas tad-dritt internazzjonali u b'mod partikolari d-Dritt Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (IHRL), id-Dritt Umanitarju Internazzjonali (IHL) u d-Dritt Internazzjonali dwar ir-Refuġjati (IRL). Dan l-għan jista' jiġi segwit permezz ta' tliet objettivi speċifiċi:
- Il-prevenzjoni, it-tnaqqis, il-mitigazzjoni u/jew il-waqfien tat-theddid kontra s-sikurezza, is-sigurtà u d-dinjità tal-persuni, il-gruppi u l-komunitajiet affettwati minn kriżijiet umanitarji attwali, imminenti jew futuri;

¹ Il-protezzjoni tal-persuni kollha affettwati u friskju trid tinforma t-teħid ta' deċiżjonijiet umanitarji u r-rispons, inkluż l-involvement ma' Stati u partijiet mhux Statali għall-konflitt. Teħtieġ li tkun fil-qalba tal-isforzi ta' tħejjija tagħna, bħala parti minn attivitajiet immedjati u li jsalvaw il-ħajja, u matul iż-żmien kollu tar-rispons umanitarju u lil hinn minnu.

F'termini prattiċi, dan ifisser li jiġi identifikat min jinsab friskju, kif u għaliex fil-bidu nett ta' kriżi u wara, filwaqt li jitqiesu l-vulnerabbiltajiet speċifiċi sottostanti għal dawn ir-riskji.

² L-attivitajiet kollha mmirati biex jinkiseb rispettt sħiħ tad-drittijiet tal-individwu f'konformità mal-ittra u l-ispiritu tal-korpi rilevanti tad-dritt (jiġifieri d-Dritt Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (IHRL), id-Dritt Umanitarju Internazzjonali (IHL) u d-Dritt Internazzjonali dwar ir-Refuġjati (IRL)).

³ DG ECHO, Dokument ta' Politika Tematika Nru 8 - Humanitarian Protection: Improving protection outcomes to reduce risks for people in humanitarian crises, 2016, p. 6.

- It-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet tal-protezzjoni u ż-żieda tal-kapaċitajiet ta' protezzjoni tal-persuni, il-gruppi u l-komunitajiet affettwati minn kriżijiet umanitarji attwali, imminenti jew futuri;
 - It-tisħiħ tal-kapaċità tas-sistema ta' għajnuna umanitarja internazzjonali biex jitlejbu l-effiċjenza, il-kwalità u l-effettività fit-tnaqqis tar-riskji għall-protezzjoni fi kriżijiet umanitarji attwali, imminenti jew futuri.
7. Il-Kunsill jirrikonoxxi li f'kuntesti umanitarji spettru kbir ta' attivitajiet jista' jitlejbiegħ bħala protezzjoni. Il-Kunsill jinnota l-livelli differenti ta' azzjonijiet interdipendenti u ta' tisħiħ reċiproku fid-dawl ta' kwalunkwe xejra ta' abbuż, kif imsemmi fil-politika dwar il-protezzjoni tal-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u użati bħala bażi biex jiġu kkategorizzati l-attivitajiet ta' protezzjoni mill-Politika dwar il-Protezzjoni tal-IASC tal-2016:
- a) azzjoni reattiva: kwalunkwe attività mwettqa biex tittratta problema ta' protezzjoni emerġenti jew stabbilita (prinċipalment ksur), u li għandha l-għan li tipprevjeni r-rikorrenza tagħha, ittemmha, u/jew ittaffi l-effetti immedjati tagħha;
 - b) azzjoni korrettiva: kwalunkwe attività mwettqa biex tingħata lura d-dinjità tan-nies u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tal-għajxien adegwati wara li dawn ikunu sofwrew abbuż;
 - c) azzjoni għat-tisħiħ tal-ambjent: l-isforzi kollha li jistabbilixxu jew irawmu ambjent soċjali, kulturali, istituzzjonali u legali li fih id-drittijiet tal-individwu jistgħu jiġu rispettati.
8. Il-Kunsill jirrikonoxxi li bħalissa l-appoġġ ewlieni tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha għall-protezzjoni għandu t-tendenza li jiffoka fuq azzjonijiet korrettivi mmirati lejn li n-nies tingħatalhom lura d-dinjità. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu estiżi u msaħħa l-azzjonijiet reattivi immirati lejn it-tnaqqis tat-theddud u l-ħtiġijiet tal-protezzjoni f'kuntesti umanitarji. Tabilħaqq, it-tnaqqis ta' dawn ir-riskji mhux biss huwa imperattiv għall-fini tal-prevenzjoni tat-tbatija umana, iżda wkoll mod kif jiġu limitati l-ħtiġijiet ta' assistenza u b'hekk l-assistenza umanitarja ssir aktar effettiva.

9. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-integrazzjoni tal-protezzjoni. Il-Kunsill jifhem li dan l-approċċ għandu jkun il-bażi ta' kwalunkwe attività mwettqa mill-atturi umanitarji kollha, irrispettivament mill-ġarfien espert tagħhom speċifiku għas-settur; huma jistgħu u għandhom jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-persuni affettwati skont il-Politika dwar il-Protezzjoni tal-IASC tal-2016. Il-Kunsill jissottolinja r-responsabbiltà tal-atturi kollha li jipprovdu programmazzjoni u monitoraġġ sikuri ta' kwalità tajba, u li jiżguraw il-massimizzazzjoni tal-impatt protettiv tal-azzjoni umanitarja. Filwaqt li l-integrazzjoni tal-protezzjoni hija bażi għall-assistenza umanitarja kollha, hemm bżonn li jiġu prijoritizzati wkoll azzjonijiet aktar immirati li jipprovdu servizzi ta' protezzjoni lil dawk diġà affettwati mill-vjolenza u l-abbuż, inkluż iżda mhux limitat għall-azzjoni kontra l-mini, il-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u r-rispons għaliha, il-protezzjoni tat-tfal, il-protezzjoni tal-persuni b'diżabilità u/jew l-assistenza legali.
10. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-konflitti u d-diżastri naturali jaffettwaw lin-nies b'mod inugwali, u jpoġġuhom f'sitwazzjonijiet differenti ta' vulnerabbiltà, bin-nisa u l-bniet affettwati b'mod sproporzjonat minn inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri, li l-espressjoni aħħarija tagħhom hija l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru. L-individwi huma, jew jistgħu jsiru aktar vulnerabbli minħabba taħlita ta' fatturi fiżiċi, soċjali, ambjentali, kulturali u politiċi u l-vulnerabbiltà mhijiex kategorija fissa. Mhux kull persuna bl-istess karatteristiċi tesperjenza l-istess livell ta' vulnerabbiltà u l-vulnerabbiltà tista' wkoll tkun marbuta biż-żmien. Għalhekk, sabiex ħadd ma jitħalla jibqa' lura u f'konformità mal-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara", l-attivitajiet kollha jridu jkunu inklużivi filwaqt li jitqiesu d-dimensjonijiet multipli tal-vulnerabbiltajiet u t-taħlita ta' fatturi li jistgħu jaffettwaw id-dinjità, id-drittijiet, is-sikurezza u s-sigurtà tal-individwi, inkluż iżda mhux limitat għar-refuġjati, il-persuni spostati b'mod furzat, il-persuni apolidi, it-tfal, il-persuni b'diżabilità u l-persuni f'riskju li jiġu emarġinati, bħal persuni LGBTI jew gruppi etniċi jew reliġjużi speċifiċi.

11. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu l-kollaborazzjoni, il-koerenza u l-komplementarjetà konkreti bejn l-atturi umanitarji, dawk fl-oqsma tal-iżvilupp u tal-paċi, kemm jekk internazzjonali, nazzjonali jew lokali, sabiex jitnaqqsu r-riskji għall-protezzjoni, jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet u jiġu promossi azzjonijiet ibbażati kemm fuq il-paċi kif ukoll fuq id-drittijiet tal-bniedem. Il-Kunsill jappella biex l-atturi fl-oqsma tal-iżvilupp u tal-paċi jaħtfu l-opportunitajiet biex jidentifikaw u jikkollaboraw ma' atturi umanitarji biex jindirizzaw il-kawżi fundamentali tar-riskji u l-ħtiġijiet tal-protezzjoni, filwaqt li jiżguraw kemm ir-responsabbiltà kontinwa għall-protezzjoni kif ukoll ir-rispett għall-prinċipji umanitarji, l-ispazju umanitarju u l-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara".
12. Il-Kunsill ihegġegħ lill-atturi umanitarji biex iqisu sew ir-Responsabbiltà lejn il-Popolazzjonijiet Affettwati (APP), inkluż biex jallinjaw aħjar mal-fehim, id-deskrizzjoni, il-formulazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tal-komunitajiet stess tar-riskji u t-theddid għall-protezzjoni, u kif l-aħjar jiġu indirizzati bħala punt tat-tluq ta' kwalunkwe programmazzjoni ta' protezzjoni.
13. Il-Kunsill jirrikonoxxi li t-tibdil fil-klima, ir-realtajiet ġeopolitiċi li qed jinbidlu, il-konflitti, il-ksur tal-IHL, u l-ispazju umanitarju li qed jiċkien jistgħu jżidu r-riskji għall-protezzjoni u jkollhom impatt fuq is-sikurezza, id-dinjità, id-drittijiet u r-reżiljenza tan-nies f'ambjenti umanitarji. Barra minn hekk, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll l-isfidi u l-opportunitajiet tat-teknoloġiji diġitali. Għalhekk, il-Kunsill ihegġegħ lill-komunità umanitarja biex issaħħaħ il-fehim tagħha ta' dawn ir-realtajiet li qed jinbidlu kif ukoll biex tinvesti f'attivitajiet reattivi li jindirizzaw l-opportunitajiet u r-riskji li jirriżultaw minnhom f'konformità mal-istandards internazzjonali eżistenti għall-protezzjoni.

B. PUNTI TA' AZZJONI U IMPENJI KOLLETTIVI

14. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex:
- a) jippromwovu approċċ koerenti fir-rigward tad-definizzjoni u l-fehim tal-protezzjoni umanitarja, li jibni fuq id-definizzjonijiet, l-istandards u l-gwida deskritti hawn fuq.

- b) jippromwovu l-integrazzjoni ta' approċċ ta' protezzjoni billi jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet umanitarji biex iqiegħdu l-protezzjoni fil-qalba tal-azzjoni umanitarja u biex isegwu riorjentazzjoni tal-azzjoni umanitarja lejn it-tnaqqis tar-riskji għall-protezzjoni għall-popolazzjonijiet affettwati, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tar-rieżami tal-IASC.
- c) jinkoraġġixxu lill-Prinċipali u lill-kapijiet tal-aġenziji tal-IASC biex isegwu tmexxija aktar b'saħħitha, kollettiva u strateġika dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni u biex jinżammu responsabbli għat-twettiq tal-eżiti fil-qasam tal-protezzjoni kollettiva permezz tal-programmazzjoni, il-promozzjoni u r-reviżjoni ta' mekkaniżmi eżistenti ta' monitoraġġ u responsabbiltà. Is-suċċess għandu jitkejjel f'termini tat-tnaqqis u l-prevenzjoni tar-riskji għall-popolazzjonijiet affettwati. Il-Kunsill jappella għall-allinjament tal-politiki u għal koordinazzjoni aħjar fl-approċċi għall-protezzjoni. It-tmexxija għolja fi ħdan is-sistema umanitarja għandha tiġi mħeġġa trawwem kultura istituzzjonali li tippermetti lill-organizzazzjonijiet jissodisfaw l-impenji lejn l-eżiti tal-protezzjoni, pereżempju permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet jew ta' politiki interni dwar iċ-ċentralità tal-protezzjoni. F'dak ir-rigward, il-Kunsill jappella għal implimentazzjoni sinifikanti tar-rieżami tal-2022 tal-Politika dwar il-Protezzjoni tal-IASC u għal allinjament tal-politiki u koordinazzjoni aħjar bejn l-organizzazzjonijiet.
- d) jinkoraġġixxu aktar investimenti mill-atturi umanitarji kollha f'azzjonijiet reattivi mmirati lejn il-prevenzjoni u l-interruzzjoni tal-atti u l-imġiba kollha li jheddu, jew li huma perċepiti mill-popolazzjonijiet li qed jheddu s-sikurezza, id-dinjità u s-sigurtà tagħhom. Il-Kunsill jenfasizza bil-qawwa r-rwol tad-donaturi u tal-Istati Membri biex jappoġġaw dawn l-investimenti permezz tal-promozzjoni u l-finanzjament.

15. Il-Kunsill:

- a) jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha jżidu l-finanzjament iddedikat speċifikament għall-interventi ta' protezzjoni biex jirrispondu, jimmitigaw u jnaqqsu r-riskji abbażi ta' analiżi tal-protezzjoni speċifika għall-kuntest. Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha preżenti fl-organi li jieħdu d-deċiżjonijiet tal-organizzazzjonijiet umanitarji, għandhom jippermettu diskussjonijiet dwar il-prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet ta' protezzjoni fi ħdan il-programmazzjoni ewlenija tagħhom. Huma għandhom jinkoraġġixxu wkoll l-inklużjoni ta' tali attivitajiet fil-Pjanijiet ta' Rispons Umanitarju u fil-programmi tas-sħab umanitarji tagħhom.
- b) jinkoraġġixxi lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha biex jinvestu u jappoġġaw, kull meta jkun rilevanti, attivitajiet reattivi li għandhom l-għan li jipprevjenu u/jew jinterrompu ċ-ċiklu tal-vjolenza, inkluż iżda mhux limitat għad-diplomazija umanitarja, in-negozjar għall-protezzjoni, il-medjazzjoni umanitarja, is-sistemi ta' twissija bikrija, il-protezzjoni permezz tal-preżenza, il-koordinazzjoni ċivili-militari għall-protezzjoni, u l-evakwazzjoni. Hija meħtieġa wkoll kapacià akbar fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet ta' protezzjoni.
- c) jirrikonoxxi li huma meħtieġa investimenti biex tiġi żviluppata u msaħħa l-kapacià ta' protezzjoni tal-atturi umanitarji, inkluż il-ħaddiema u l-organizzazzjonijiet umanitarji nazzjonali u internazzjonali u l-komunitajiet affettwati, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni u l-interruzzjoni ta' ċ-ċiklu tal-vjolenza. Pereżempju, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huma mħeġġa jappoġġaw (i) analiżijiet tal-protezzjoni speċifiċi għall-pajjiż jew subnazzjonali, (ii) evalwazzjonijiet tal-programmazzjoni ta' protezzjoni bl-iżvilupp ta' indikaturi tal-protezzjoni u sistemi diżaggregati tal-ġbir tad-data, (iii) riċerka u żvilupp tal-għodda inkluż l-iżvilupp ta' għodod u gwida fir-rigward ta' approċċi preventivi kif ukoll tisħiħ tal-kapaċitajiet, u (iv) taħriġ u workshops bejn il-pari biex jiġu stimulati riflessjonijiet u innovazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni. L-isforzi biex tiġi lokalizzata l-għajnuna għandhom ikunu akkumpanjati speċifikament mit-tisħiħ u l-kondiviżjoni tal-kapaċitajiet relatati mal-protezzjoni. Huma mħeġġa l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' tali investimenti sabiex dawn jittejbu.

- d) jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha biex jappoġġaw il-promozzjoni proattiva għat-tnaqqis tar-riskji u t-theddid għall-protezzjoni billi jinvolvu ruħhom direttament fil-pubbliku u wara l-kwinti. Huma mistiedna wkoll jipprovd u appoġġ politiku lill-Koordinaturi Umanitarji, it-Timijiet Umanitarji tal-Pajjiżi u mexxejja umanitarji oħra involuti fil-promozzjoni biex jitnaqqas ir-riskju ta' protezzjoni, filwaqt li jiżguraw li l-azzjonijiet u l-interventi kollha jappoġġaw il-prinċipji umanitarji u l-approċċ ta' "la tagħmilx ħsara".
- e) iħeġġeġ lill-atturi umanitarji biex jallinjaw aħjar mal-identifikazzjoni proprja tal-komunitajiet tar-riskji ta' protezzjoni u modi biex jindirizzawhom bħala l-bażi tal-programmazzjoni ta' protezzjoni, filwaqt li jirrikonoxxi li l-individwi u l-komunitajiet li qed jiffaċċaw riskji u theddid ta' protezzjoni jiżviluppaw mekkaniżmi u strateġiji ta' kif għandhom ikampaw biex jipproteġu lilhom infushom.

C. DIPLOMAZIJA UMANITARJA BĦALA GĦODDA GĦALL-PROTEZZJONI

- 16. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha biex iżidu l-isforzi tagħhom fir-rigward tad-diplomazija umanitarja, mifhuma bħala l-użu ta' strumenti politiċi u diplomatiċi għall-promozzjoni tar-rispett tad-Dritt Umanitarju Internazzjonali u l-implimentazzjoni tiegħu, biex jiffaċilitaw l-assistenza umanitarja, u jqajmu kuxjenza dwar il-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet affettwati u l-aġenda umanitarja ġenerali, filwaqt li jirrikonoxxi r-rwoli speċifiċi li l-istati, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u dawk reġjonali jista' jkollhom fil-promozzjoni ta' eżiti ta' protezzjoni aħjar għall-popolazzjonijiet f'kuntesti umanitarji, u jiżgura li l-azzjonijiet u l-interventi kollha jappoġġaw il-prinċipji umanitarji u l-approċċ ta' "la tagħmilx ħsara". Barra minn hekk, il-Kunsill jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha biex jappoġġaw u jippromwovu inizzjattivi għall-iżvilupp u t-tiżiħ tad-diplomazija umanitarja.

17. L-istrumenti użati mid-diplomazija umanitarja jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, (i) it-trawwim ta' djalogu mal-awtoritajiet nazzjonali u l-atturi mhux statali biex jinkiseb aċċess umanitarju sinifikattiv u kwalitattiv għall-persuni affettwati minn kriżijiet naturali jew kunflitti armati, (ii) il-koordinazzjoni mal-aġenziji rilevanti tan-NU, il-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar, organizzazzjonijiet internazzjonali oħra kif ukoll sħab rilevanti tal-NGOs biex jiġu ffaċilitati l-assistenza umanitarja, l-aċċess u l-protezzjoni, u biex tiġi żgurata r-responsabbiltà f'każijiet ta' ksur tad-Dritt Umanitarju Internazzjonali, (iii) inkluż, fuq bażi sistematika, il-promozzjoni umanitarja fid-djalogu politiku ma' gvernijiet ta' partijiet terzi, u l-koordinazzjoni ma' sħab tal-istess fehma, (iv) l-effett ta' lieva tal-parteċipazzjoni fl-organi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra biex jiġi żgurat li l-partijiet kollha involuti jaħdmu b'mod attiv għall-protezzjoni tal-popolazzjonijiet ċivili f'sitwazzjonijiet umanitarji u jqisu l-ħtiġijiet ta' protezzjoni fl-ogħla livelli possibbli, (v) il-promozzjoni tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-attivitajiet ta' taħriġ li jiffukaw fuq il-protezzjoni ta' persuni vulnerabbli f'ambjenti umanitarji, u (vi) il-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex il-protezzjoni titqiegħed fuq quddiem nett tal-aġenda umanitarja. Il-Kunsill jenfasizza li l-istrumenti tad-diplomazija umanitarja għandhom jintużaw biex ikollhom impatt pożittiv fuq l-ispazju umanitarju, il-perċezzjoni tal-partijiet kollha tal-atturi umanitarji u l-kapaċità tagħhom li jipproteġu; dan jinkludi l-iżgurar ta' eżenzjonijiet umanitarji f'reġimi ta' sanzjonijiet.
18. Il-Kunsill jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jiskambjaw regolarment fehmiet dwar żviluppi rilevanti dwar il-protezzjoni u biex jikkollaboraw direttament ma' atturi stabbiliti, kemm jekk internazzjonali, nazzjonali jew lokali. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jissaħħu l-isforzi għall-promozzjoni ta' protezzjoni effettiva f'ambjenti umanitarji u jaqbel li din tiġi diskussa regolarment fi gruppi ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill, fil-Forum Umanitarju Ewropew, fin-networks rilevanti u fil-livell lokali sabiex il-protezzjoni tinżamm fuq quddiem nett tal-aġenda umanitarja. Filwaqt li jibni fuq l-approċċ ta' Tim Ewropa, il-Kunsill jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha biex ikomplu bl-isforzi tagħhom fl-implimentazzjoni tal-inizjattivi tal-UE meħuda biex jipproteġu lin-nies f'ambjenti umanitarji. Il-Kunsill iħeġġeġ koordinazzjoni u kooperazzjoni saħansitra aktar mill-qrib bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u d-delegazzjonijiet tagħhom biex jiġi massimizzat l-impatt tal-ħidma tal-UE biex jintlaħqu n-nies u l-appoġġ tal-UE. Il-Kunsill ser jagħti segwitu regolari l-protezzjoni f'ambjenti umanitarji.